MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 209/2004

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**Vs**
**Dr.Mark Busuttil u l-PL. Veronica Rossignaud nominati b' digriet tad-9 ta' Awissu 2004 kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-assenti C D sive C D, u b' digriet tas-19 ta' Mejju 2005 il-kuratur Dr.Mark Busuttil gie sostitwit b' Dr.Beppe Fenech Adami**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti A B u C D sive C D kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fit-12 ta' Awissu, 1999 u dan bin-numru progressiv 1387/99.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew dritt ghall-att ta' zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg.

Peress illi ser jirrizulta li ma kienx hemm xewqa ta' tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti A B u C D sive C D debitament ikkontrattat fit-12 ta' Awissu, 1999 hwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jigu edotti mill-fatti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-12 Awissu 1999 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' maltija, u l-konvenut ragel ta' nazzjonalita' Sirjana, kkuntrattaw zwieg civili. Minn din l-unjoni ma kienx hemm tfal. L-attrici spjegat li f' dak iz-zmien hija kienet mahkuma serjament mill-vizzju tad-droga, u li qabel iz-zwieg hija kienet intaqet mal-konvenut fi tlett okkazzjonijiet biss. Fl-ewwel okkazzjoni li kienet intaqet mieghu, il-konvenut ippropona li jizzewwgu, fit-tieni okkazzjoni giet fissata l-gurnata taz-zwieg u fit-tielet okkazzjoni gie kuntratt iz-zwieg. Wara d-data taz-zwieg lill-konvenut ma ratux aktar, u huma qatt ma kkonsumaw iz-zwieg. L-attrici tghid li xaharejn wara d-data taz-zwieg u precisament fis-6 ta' Ottubru 1999 hija kienet giet ammessa San Blas u gradwat fis-sena 2001. Fil-frattemp hija ma kellha ebda kuntatt mal-konvenut. Wara l-gradwazzjoni minn San Blas hija marret l-Awstralja "biex tiehu break minn nies". Sussegwentement irritornat lura Malta. Hija ssostni li qatt ma ezistiet il-hajja konjugali mal-konvenut; di fatti dana, wara z-zwieg ma regax ghamel kuntatt maghha.

Il-versjoni attrici hija sostnuta f' diversi punti determinanti minn nies addetti mal-Caritas li kkonfermaw li meta l-attrici dahlet ghall-programm, xaharejn wara li zzewget, hija

kienet fi stat hazin hafna u kienet infarrka emozjonalment u ma kienitx kapaci tiehu decizjonijiet anki fuq l-aktar affarijiet semplici u normali tal-hajja. Mariella Balzan , ko-ordinatur tal-programmi u servizzi tal-Caritas, tghid li meta l-attrici ddahhlet ghall-programm "is-sitwazzjoni taghha kienet tali li d-droga rrendietha assolutament inkacpaci li

tiehu hsieb u/jew taghmel decizjonijiet semplici u ordinarji u ta' kuljum. Illi fil-kondizzjoni li kienet fiha, hi assolutament ma setghetx tifhem l-import ta' l-imgieba taghha ….. il-problema tad-droga tant hakmitha li kienet evidenti li kienet ilha tiehu d-droga u li d-droga kellha effett negattiv fuqha."[1] Dan gie ukoll sostnut mir-Reverendu Alex Cordina, Assistant Diretur tal-Caritas, li inter alia jghid "jien qieghed f' posizzjoni li nghid li hi litteralment ma kienitx f' posizzjoni li tiehu decizjonijiet ta' kwalunkwe xorta, ghax kienet qisa tarbija"[2]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet lill-attrici tixhed viva voce u taghtiha affidament. Inoltre, il-versjoni ta' l-attrici hija wkoll sostnuta minn provi sodisfacenti, u ghalhekk il-Qorti taccetta din il-versjoni bhala veritiera.

Illi l-attrici qed tibbaza it-talba taghha fuq il-kawzali li l-ghoti tal-kunsens tal-partijiet kien vizzjat f' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fit-termini tal-paragrafu [d] u simulazzjoni fit-termini tal-paragrafu [f] tas-sub inciz [1] tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

[1] Aff. Fol.40
[2] Aff. Fol.45

*"In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Il-premessi konsiderazzjonijiet guridici, applikati ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwasslu ghall-konkluzjoni necessarja li l-attrici kienet affetta minn dan id-difett serju ta' diskrezzjoni li fit-termini tal-ligi jivvizzja l-kunsens b' mod li jwassal ghan-nullita' taz-zwieg kuntrattat minnha. Jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, hija kienet manifestament inkapaci li tirrifletti u tiddecidi fuq l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet tal-hajja matrimonjali.

Illi pero' il-Qorti tosserva li dan il-caput nullitatis ma jirrizultax fil-konfront tal-konvenut. Mill-provi jidher car li l-konvenut izzewweg lill-attrici bl-iskop uniku li jibbenefika mill-istatus ta' barrani li jkun mizzewweg mara maltija. Mill-provi hareg car li dana la ghandu, u fil-mument tal-ghoti tal-kunsens la kellu, l-intenzjoni li jikkoabita mal-attrici u jghix il-hajja konjugali maghha. Di fatti mill-provi jirrizulta li maz-zwieg dana ghosfor mill-hajja ta' l-attrici u, skond din, iz-zwieg ma kienx gie kkonsmat

Illi t-tieni kawzali li fuqha l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha hija dik ta' simulazzjoni tal-kunsens bazat fuq l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u d-dritt ghall-att konjugali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*,

is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Fil-kaz in disamina, jigi osservat li d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, li din il-Qorti rravvisat fil-konfront ta' l-attrici, jeskludi l-konfigurazzjoni tas-simulazzjoni taz-zwieg, fil-konfront taghha. Mill-banda l-ohra, il-Qorti tirravvisa dan il-caput nullitatis fil-konfront tal-konvenut, u dan stante li mill-provi hareg car li meta l-konvenut ta l-kunsens tieghu, internament huwa eskluda l-obbligi konjugali tieghu, tant li z-zwieg qatt ma gie kkonsmat u l-konvenut telaq ghal triqtu ezatt wara li sar iz-zwieg u halla lill-attrici tfendi u tikkombatti waheda mal-problema serja li kellha. Ma kellu ebda intenzjoni jghix il-hajja konjuga ma' l-attrici.

Dan premess u kkonsiderat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha in bazi ghal dak kontemplat fl-Art.19[1][d] fil-konfront ta' l-attrici, u dak kontemplat fl-Art.19[1][f] fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethom fit-12 ta' Awissu 1999.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet, izda provvisorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------